MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1060/2011

**S & D Yachts Ltd.**
**(C-3476)**

**vs**

**Il-Bastiment Johnny M**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-28 t'Ottubru 2011 li bih s-socjeta rikorrenti ppremettiet:

1. Illi prezentament is-socjeta' rikorrenti hija kreditur tal-bastiment intimat fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf u sitt mija u disgha u sittin Ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€24,669.75), kif jirrizulta mill-*statement* hawn anness u mmarkat bhala "Dok.A";

2. Illi l-kreditu tas-socjeta’ rikorrenti jirrigwarda l-bilanc rimanenti fuq il-bejgh ta’ materjali u oggetti forniti lil u/jew depozitati mal-bastiment intimat li huma necessarji ghall-operat ta’ l-istess bastiment;

3. Illi l-kreditu tas-socjeta’ rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti ta’ l-istess socjeta’ rikorrenti ghall-hlas, dan l-ammont baqa’ ma thallasx;

4. Illi dan il-bilanc gie rikonnoxxut u accettat bhala dovut mill-bastiment intimat (ara Dok. B u C hawn annessi);

5. Illi s-socjeta’ r-rikorrenti taf b’dawn il-fatti personalment;

6. Illi sa fejn taf is-socjeta’ rikorrenti, il-bastiment intimat ma ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talbiet ta’ l-istess socjeta’ rikorrenti;

7. Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispenza mis-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta’Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’Malta);

Jghid, ghalhekk, l-bastiment intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta’Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), ma ghandiex din l-Qorti :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta’ rikorrenti hija kreditur tal-bastiment intimat fis-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf u sitt mija u disgha u sittin Ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€24,669.75), jew kull somma ohra verjuri, rapprezentanti l-bilanc rimanenti fuq il-bejgh ta’ materjal u oggetti forniti lil u/jew depozitati mal-bastiment intimat, li huma necessarji ghall-operat ta’ l-istess bastiment;

2. Tordna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma hawn fuq indikata ta' erbgha u ghoxrin elf , sitt mija u disgha u sittin Ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€24,669.75), jew kull somma ohra verjuri;

Bl-ispejjez kontra l-bastiment intimat, kif ukoll bl-imghax mid-data li fih il-bilanc kien dovut sal-pagament effettiv. Il-bastiment intimat hu minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lis-socjeta intimata skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smiegh tal-kawza;

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat illi meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tas-26 ta'Gunju 2012 fid-9:00a.m is-socjeta intimata ma dehritx, u dan minkejja illi l-Qorti ipposponiet il-kawza ghal zmien ragonevoli u regghet sejhet lis-socjeta intimata ;

Rat l-atti tal-kawza;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza mis-smiegh billi :**

**1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara u tiddeciedi illi is-socjeta' rikorrenti hija kreditur tal-bastiment intimat fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf , sitt mija u disgha u sittin Ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€24,669.75) rapprezentanti l-bilanc fuq il-bejgh ta' materjal u oggetti forniti lil, jew depozitati mal-**

**bastiment intimat, li kienu necessarji ghall-operat ta' l-istess bastiment;**

**2. Tikkundanna l-bastiment intimat, sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' erbgha u ghoxrin elf , sitt mija u disgha u sittin Ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€24,669.75);**

**3. Tikkundanna lil-bastiment intimat ihallas l-ispejjez kollha ta'din il-kawza, u bl-imghaxijiet mid-data li fih il-bilanc kien dovut sal-pagament effettiv.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------